MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 1079/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**MARTIN MIFSUD**

**(ID: 214563M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARTIN MIFSUD** ta’ 45 sena, iben Francis u Josephine nee’ Agius, imwieled Paola, fid-19 ta’ Marzu 1963, u joqghod Flat 1, ‘Maria Dolores’, Triq tal-Mensija, San Gwann detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 214563(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli gewwa San Gwann bejn it-18 ta’ Ottubru 2000 u 18 ta’ Ottubru 2005, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, bhala l-propjetarju jew amministratur resposabbli jew konsumatur tal-fond u cioe’ 3, Il-‘Fornaio’, Triq Mensija San Gwann, b’mezzi qarrieqa li bihom jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond, hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ €54,353.82 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u b’valur.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, zminijiet u cirkostanzi volontarjament, hassar, jew kisser xi parti minn xi *meter* ta’ l-elettriku, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi appart jew gumni uzati fil-provvista ta’ l-elettriku, jew is-sigilli taghhom, liema hsara hija ta’ izjed minn €23.29 izda inqas minn €116.47 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali tal-imputat a fol 25 et seq u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 29.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’ Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2014.

**Robert Bugeja** xehed fit-12 ta’ Jannar, 2009 fejn esebixxa n-nota tal-Avukat Generali, flimkien ma’ nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Abigail Lofaro dwar, inkjesta fuq *meter* tad-dawl imbghabas f’numru 3, Il-‘Fornaio’, Mensija Street, San Gwann, fit-18 ta’ Ottubru 2005. Din in-nota, flimkien ma’ l-Avukat Generali flimkien man-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-imsemmi Process Verbali, qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala dok RB1.

**Ex Spettur Carmelo Abdilla** xehed fit-12 ta’ Jannar, 2009 fejn stqarr li gie muri fol 5, tal-process verbali li huwa esebit fl-atti ta’ dina l-kumpilazzjoni RB 1, fejn ikkonferma li fid-data tat-18 ta’ Ottubru, 2005 hu kien Ufficcjal Investigattiv u kkonferma wkoll rigwardanti fol 5 tal-imsemmi Process Verbal dan huwa r-rapport li l-imsemmi xhud kien ghamel lil Magistrat Inkwirenti u gharaf ukoll il-firma tieghu fuq dan il-process verbal. Rigwardanti l-kaz ta’ dina l-inkjesta hu kien l-Ufficcjal Investigattiv.

**PS 69 Jesmond Cremona** xehed fit-12 ta’ Jannar 2009, fejn stqarr li fit-18 t’ Ottubru tas-sena 2005 u dan ghall-habta ta’ xi l-ghaxra nieqes kwart ta’ filghodu, kien gie l-ghassa ta’ San Gwann certu Joseph Zammit bhala rapprezentant tal-Enemalta ghamel rapport dwar allegat serq ta’ elettriku, fis-sens ta’ tbghabis tal-*meter* u serq ta’ current tal-elettriku. Ix-xhud ghamel l-okkorenza li qieghed jesebixxi bhala dok JCP 1 u hija iffirmata minnu. Dwar dak li ra meta acceda fuq il-post huwa mnizzel fuq din l-okkorenza li kien ipprezenta. Ix-xhud imbghad kien infurma lil Ispettur Carmelo Abdilla, illum ex Spettur dwar l-akkadut. Ix-xhud gharaf l-imputat prezenti fl-Awla, li huwa kien prezenti meta kien hemm l-impjegati tal-

Enemalta fil-fond numru 3, ‘Il-Fornaio’, Triq il-Mensija, San Gwann u dan meta kien hemm ix-xhud kien prezenti u qal li l-imputat gharfu prezenti fl-Awla.

Ix-xhud kompla jghid in kontro-ezami li qablu kien hemm zewg impjegati tal-Enemalta li kienu marru fuq il-post li semma’ u li qed jigi mistoqsi mid-difiza jekk is-sigilli setghux gew maqtugha mill-impjegati tal-Enemalta jew le, jekk hu kienx f’pozizzjoni li jghid ghax hu mar wara li kien hemm l-inpjegati tal-Enemalta fuq il-post. Inkwantu ghal dak li nizzel l-okkorenza tieghu dwar dak il-kurrent tal-ellettriku kien qieghed jahdem *through single phase*, fejn din l-informazzjoni kienu tawhielu impjegati tal-Enemalta li kienu hemm prezenti. Ix-xhud qal li din il-kostatazzjoni li ghadu kif semma fl-okkorenza tieghu qal li mhux haga li ra qieghda tigri jew ghax jifhem izda kienet haga li qalulu ta’ l-Enemalta. Ix-xhud stqarr li kienu haddiema tal-Enemalta li qalulu u li ndikawlu l-affarijiet li kien hemm pero’ kompla jghid li mhux persuna teknika rigward dawn l-affarijiet.

Peress li ghadda certu zmien mhux cert fejn ezattament kien impoggi l-*meter* tal-post li semma. Dwar il-fatt li kien qieghed gewwa fond numru 3, il- ‘Fornaio’, Mensija Street, San Gwann ix-xhud stqarr li kien cert pero’ fejn kien qieghed ma jiftakarx.

**Spettur Bernard C. Spiteri** xehed fit-12 ta’ Jannar, 2009 fejn stqarr li fit-18 ta’ Ottubru tas-sena 2005 ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu, il-Pulizija ta’ San Gwann, kienu nfurmati minn certu Joseph Zammit li huwa jahdem bhala Senior Salesman mal-Korporazzjoni Enemalta u dan ir-rapport tieghu kien li waqt li jkunu qeghdin jaghmlu l-ispezzjoni hu u l-kollegi tieghu f’

fond numru 3, Il-Fornaio Mensija Street, San Gwann kien instab xi *meter* li kellu sigilli mbabsin li kien jghajjat lil certu Martin Mifsud. Ix-xhud kompla jghid li l-ispettur ta’ dakinhar, Carmelo Abdilla kien informa lil Magistrat tal-ghassa li dakinhar kienet il-Magistrat Dr.Abigail Lofaro li dina kienet ordnat inkjesta u li kien inhatar Vincent Ciliberti bhala espert tal-Qorti. Ix-xhud qal li s-Settembru tas-sena 2008, il-Pulizija rciviet talba mill-Korporazzjoni Enemalta biex huma jresqu l-kaz il-Qorti fil-konfront ta’ Martin Mifsud, rigward l-akkuzi li l-akkuzat jinsab bihom f’din il-kawza.

**Joseph Zammit** xehed fit-12 ta’ Jannar, 2009 fejn qal li huwa Senior *Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta. Ix-xhud tenna li fit-18 ta’ Ottubru, 2005 ghall-habta tad-(09.00hrs) disgha ta’ filghodu waqt li kienu qed jaghmlu spedizzjoni nnutaw li kien hemm zewg sigilli homor imbghabsin kif ukoll kien hemm zewg sigilli ohra ta’ taht li kienu ta’ kulur blu. Ix-xhud kompla jghid li kienet inqratlu t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li huwa taghha quddiem l-espert tekniku. Vincent E Ciliberti fid-data tat-18 ta’ Ottubru, 2005 liema traskrizzjoni tinsab minn fol 26 a fol 28 tal-Process Verbal huwa esebit bhala dok RB1. Fejn ikkonferma l-kontenut kollu ta’ din it-traskrizzjoni. Ix-xhud qal li meta spezzjonaw il-*meter* nnuta illi l-*meter* kien qed jirregistra fuq *one phase* minflok *three phase*, fejn gewwa l-istabbiliment in kwistjoni fejn ghamlu l-ispedizzjoni kien hemm *three phase* imma kif diga’ kien qal qabel kien qieghed jirregistra fuq *one phase.*

Ix-xhud qal li l-meter sabu jirregistra fuq *one phase* pero’ fil-fond kien hemm *meter* li kien *three phase.*

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-11 ta' Frar, 2009 (fol. 21) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fis-16 ta' Frar, 2009 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Spettur Bernard C. Spiteri** xehed fis-16 ta' Frar, 2009 fejn esebixxa bhala Dok. SMP 1 fedina penali tal-imputat, u qieghed jesebixxa bhala dok SMP 2 estratt mill-att tat-twelid tal-imputat.

**Claudette Fenech** xehdet fit-2 ta' Marzu, 2010 fejn qalet li hi kienet qieghda tixhed bhala rapprezentanza tal-MFSA u da parti tad-Dipartiment taghhom, huma li jistghu jaraw huwa jekk kemm il-darba persuna tkunx qieghda rregistrata jew inkella nvoluta ma xi kumpanija. Ix-xhud kompliet tghid li minn verifiki li ghamlet rigwardanti Martin Mifsud jirrizulta li din il-persuna mhux registrata jew involuta in kwantu ghal dak li jirrigwardja l-informazzjoni tal-MFSA mal-ebda kumpanija.

**Mario Attard** xehed fit-2 ta' Marzu, 2010 fejn qal li kien rapprezentant tal-Enemalta u flimkien mal-kollega tieghu dak iz-zmien Joe Zammit fit-18 t' Ottubru tas-sena 2005 kienu marru f'*Confectionery* San Gwann, fejn iccekjaw il-*meter* ta' dan il-fond u qal li kienu nnutaw illi z-zewg sigilli homor li kien hemm fuq il-*meter* kienu *tampered* (mbghabsin) u kien hemm ukoll zewg sigilli blu t'isfel li kienu wkoll imbghabsin. Ix-xhud tenna li x'hin fethu l-parti t'isfel tal-*meter* sabu li z-zewg *charts* kienu miftuhin u ghalhekk il-*meter* ma kienx qieghed jaqra fuq iz-zewg *phases* partikloari.

Imbghad huma marru jaghmlu rapport l-ghassa. Kompla billi qal li fuq il-post kellmu lil Martin Mifsud li qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti.

**Alan Chetcuti** xehed fit-2 ta' Marzu, 2010 fejn qal li huwa qed jixhed in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u f'isem ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta esebixxa kwerela li qieghda tigi esebita' u mmarkata bhala dok ACJ 1 u huwa stess ikkonferma dan. Gharaf ukoll il-firma tieghu ghan-nom tac-Chariman u il-firma tal- Inginier Gauci. Inkwantu ghas-servizz tal-Elettriku ta' numru 3, 'Il-Fornaio', triq il-Mensija, San Gwann qalli li dan kien qieghed jirregistra f'isem Martin Mifsud u li kien ilu registrat mit-13 ta' Gunju tal-1996 sa certament Novembru tal-2005. In kwantu ghall-ammont ta' kurrent misruq u li dan huwa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta qieghed jesebixxi d-dokumentazzjoni li qieghda tigi esebita u mmarkata bhala dok ACJ 2. Ix-xhud komla billi qal li l-ammont misruq ghad-dannu tal-Koprorazzjoni Enemalta huwa ta' Lm 23,334.09 u kienu kellmu lill-konsumatur kif wkoll lil Avukat tax-xhud imma ma waslu mkien ghal-hlas ta' dan l-ammont dovut tal-Korporazzjoni Enemalta.

**Keith Caruana** xehed fil-11 ta' Gunju, 2010 fejn qal li qieghed jidher in rapprezentanza ta' *Trade Licensing Unit* fejn gie mitlub jaghmel ricerka fuq Martin Mifsud jekk ghandux xi *trade licence* mad-dipatiment taghhom u mir-ricerki li ghamel il-persuna Martin Mifsud ghandu licenzja in kwantu ghall-fond bl'isem ta' '*Bargain Shop'*, Triq il-Mensija, San Gwann. Dwar il-fond Numru 3, 'Il-Fornaio', Triq Menisja, San Gwann mill-verifiki u li x'xhud ghamel jirrizulta li k-licenzja fuq dan il-fond mhux qieghda fuq isem Martin Mifsud izda fuq Rita Mifsud. Ix-xhud qal li dwar dak li xehed fuq iz-zewg

licenzji, bdew joperaw u jzommu r-*records* tal-licenzji mis-sena 2002 l'hawn. Rigward il-licenzja ta' *The Bargain Shop* dina harget fis-sena 2006 f'isem Martin Mifsud u dwar il-fond il-Fornaio, Triq il-Mensija, San Gwann licenzja fuq Rita Mifsud din kienet tidher mill-bidu li huma bdew izommu r-*records* fis-sena 2002. Ix-xhud esebixxa wkoll id-dokumentazzjoni necessarja li xehed dawrha dakinhar li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. KC1. F'din id-dokumentazzjoni hemm ukoll informazzjoni li x-xhud ivverifika dwarha, dwar hanut iehor li jinsab ukoll fi Triq il-Mensija, San Gwann u li huwa licenzjat ukoll f'isem Rita Mifsud li l-fond huwa numru 4, Triq il-Mensija, San Gwann.

**Vincent Giliberti** xehed fis-6 ta' Ottubru, 2010 fejn gie muri dokument Dok RB1 konsistenti f'Nota ta' l-Avukat Generali, Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Process Verbali redatt mill-Magistrat inkwerenti Dr. Abigail Lofaro rigwardanti inkjesta dwar meter tad-dawl imbghabas f'numru 3, il-'Fornaio', Triq il-Mensija San Gwann fit-18 ta' Ottubru, 2005. In kwantu ghal dan il-Process Verbal ghamel senjament referenza ghal relazzjoni tieghu li tinsab esebita f'dan il-Process Verbal bhala Dok BC u kkonferma li din hija r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni hu ghamel in ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilu lill-Magistrat inkwerenti Dr. Abigail Lofaro u ddikjara li fedelment u onestament qeda l-inkarigu moghti lilu.

**Maggur Joseph Cremona** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn gie mistoqsi jekk kienx konxju li kien hemm nar li gara fi Triq il-Mensija, San Gwann f' *Martin's Bakery* fejn ix-xhud wiegeb li le sa fejn jiftakar, ghax kien ghadda ftit taz-zmien mhux hazin mindu sar il-kaz fejn Martin Mifsud kien gie jaghmel rapport hu personali gewwa l-Ghassa ta' San Giljan. Id-difiza qalet

li kienu marru tal-*Fire Protection* u tal-Enemalta minhabba l-*meters* u x-xhud qal li iva imma ma kinux prezenti ghax lanqas kienu jafu bil-kaz, fil-fatt mhux indikati hlief li kien hemm Aaron Camilleri u iehor Buttigieg. Ix-xhud tenna li ma kienux jafu bil-kaz mill-ewwel, cioe' l-pulizija ma kinitx prezenti. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li kien hemm il-*Fire Brigade* wiegeb li fuq ir-rapport li kien qallu hu fejn ikkonferma mal-*Fire Brigade* ghax huma ma kienux telghu fuq il-post imma wara saru jafu bir-rapport u fit-3 ta' Ottubru kellom rapport minghand Martin Mifsud li kien hemm nar fil-*Bakery* fl-indirizz ta' Triq il-Mensija, San Gwann u kkonferma li gew tal-*Fire Brigade* meta marru hemm u kien tkellem ma' wiehed li kien mar fuq il-post indikat fir-rapport wiehed minnhom kien Aaron Camilleri u xi hadd b'kunjom Buttigieg fejn ikkonfermaw li kien hemm nar f'dik il-*Bakery* u kienu marru biex jitfghu ghax dakinhar wiehed mill-ifran kien qabad appartament kif qalilhom Martin stess ma kinitx saret hsara, fejn giet indikata fir-rapport u hadd ma wegga' pero' kellhom imorru tal-*Fire Brigade*. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk kienx hemm rapport ta' nhar it-3 ta' Ottubru, 2005 wiegeb li iva u kkonferma li tal-*Fire Brigade* kienu marru fuq il-post u kienu Aaron Camilleri u xi hadd b'kunjom Buttigieg.

**Alan Chetcuti** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn meta gie mistoqsi jekk fit-3 ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond ir-*records* tax-xhud gewwa *Martin's Bakery*, fi Triq il-Mensija, San Gwann jekk kinux marru xi nies min ta' l-Enemalta rigward xi hsara fuq il-*meters* u jekk filfatt kinux bidluhom. Ix-xhud wiegeb li jekk kien hemm xi hsara, dan il-hruq infurmat mit-tahrika li kien ircieva xi zewg seduti qabel qal li minn naha tal-Enemalta kienu fittxu tlett postijiet fejn setghu dahlu xi rapport pero' ma nstab xejn li kienu marru xi nies wara li kien sar hruq. Id-difiza qalet li l-Maggur ghadu kemm xehed li fit-3 ta' Ottubru 2005 (elfejn u hamsa) kien hemm nar f'dak

il-post u kellhom imorru tal-*Fire Brigade* u minhabba n-nar li hakem il-post id-dwal kienu marru u gew ibiddlu l-*meters* u ghamluhom mill-godda li kienu digitali ta' dak il-perjodu. Meta gie mistoqsi jekk izzommux *records* xi mkien meta johrog xi *meter* gdid u x-xhud wiegeb li dakinhar ta' l-*inspection* jekk marrux jew le kull ma jista' jghid hu li rapport minn naha ta' l-Enemalta ma nstabx fuq it-tlieta (3) ta' Ottubru jew l-ghada f'dawk l-akwati ma nstab xejn pero' l-*meter* ta' dakinhar tal-*inspection*, jigifieri dakinhar tat-18 t' Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005) kien l-istess wiehed li sar fis-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fejn dak il-*meter* number jekk jaraw ir-rapport tal-*inspection* kellu l-*meter* number 18541843, issa l-*meter card* fuq l-istess meter, hemmhekk turi li l-meter hareg mill-*Istores* fid-9 ta' Mejju 1994, fuq *Godwin's Bakery* , Triq il-Menisja, San Gwann. Skond ix-xhud m'hemmx *records* li marru dakinhar u l-*meter* ma nbidlix u nbidel biss dakinhar ta' l-ispezzjoni. Meta' x-xhud gie mistoqsi jekk ikollhomx xi records jekk xi hadd inghajjat jekk ikun hemm hsara fil-*meters*, f'dan il-kaz kien qabad forn, ix-xhud wiegeb li *records* ikun hemm zgur, pero' fuq ir-*records* l-antik u l-ahjar jiccekkja ma' nies teknici li jista' jkollhom ir-*records*, ghax ikun hemm hafna postijiet li jkollhom ir-*records*. Id-difiza qalet li l-pulizja assigurawha li kienu marru ta' l-Enemalta filfatt ghax kien mar id-dawl f'dan il-hruq, pero' fuq dawk il-granet u ta' wara meta gie mwahhal il-*meter* fis-sena elf disa' mija, erbgha u disghin (1994) u fis-sena elfejn u ghaxra (2010) kien *Martin's Bakery.* Ix-xhud qal li filkaz jaraw ezatt lil min kien jghajjat il-*meter* dakinhar ta' l-*inspection*. Il-*meter card* meta giet imwahhla fuq *Godwin's Bakery* kien hemm applikazzjoni fis-sena elf disa' mija, erbgha u disghin (1994) f'Mejju jew ftit xhur il-gimghat ta' qabel biex jitwahhal il-*meter* li kienet saret minghand Godwin Mifsud biex jitwahhal il-*meter* f'*Godwin's Bakery*, Mensija Road, San Gwann fejn dan il-meter m'huwiex ta' Martin imma ta' Godwin. Meta gie mwahhal il-*meter* kien fis-sena elf disa' mija, erbgha u disghin (1994) u

kien jghajjat lil Godwin Mifsud. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk mir-records taghhom jirrizultax xi data fejn dan il-*meter* dar fuq Martin Mifsud ix-xhud qal li jrid jiftah il-kontijiet wiehed, wiehed u x-xhud kien gab file li jghajjat fuq ir-rapport li sar fuq Martin Mifsud ta' '*Fornaio Bakery'* li meta gie mwahhal kien ta' Godwin Mifsud. Meta x-xhud gie mistoqsi fuq il-*meter* jekk ghadux ta' Godwin jew le mir-*records* taghhom ix-xhud wiegeb li meta gie mwahhal jekk kienx hemm bdil jew le wiehed irid jaccerta ruhu.

Ix-xhud stqarr li l-konsum, is-servizz eventwalment gie registrat fuq Martin Mifsud fl-ewwel (1) ta' Jannar 1996. Kien hemm qlib mir-*records* l-antiki ghas-sistema ta' l-I.T. differenti, jigifieri dak il-qlib ghal Martin Mifsud sar fl-ewwel (1) ta' Jannar 1996. Pero' biex jaccerta lill-Qorti bl-ezatt meta saret iridu jaraw fil-kontijiet wiehed, wiehed l-antiki xi haga li trid issir mill-ARMS. Meta mistoqsi fl-1 ta' Jannar 1996 f'isem min kien jghajjat ix-xhud wiegeb li kien fuq Martin Mifsud u meta mistoqsi minn dakinhar jekk baqghetx l-istess ix-xhud wiegeb li sa ftit wara li saret l-*inspection* meta kienu kellmu lill-konsumatur lis-Sur Martin Mifsud ma kienx infurmahom li dan inbidel. Ix-xhud gie mqabbad jaghmel ricerka bejn il-perjodu tat-tmintax (18) t'Ottubru, tas-sena elfejn u hamsa (2005). Ix-xhud wiegeb li din il-bicca xoghol diga' kien ghamilha qabel ghal xi seduta ta' qabel u raha fil-*file*, fejn sab kopja tal-kontijiet, l-*inspection* saret fit-tmintax (18) ta' Ottubru ta' l-elfejn u hamsa (2005). Ix-xhud qal li ra l-kontijiet li ghandu prezenti ghall-perjodu bejn it-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) fejn il-*mailing address* kien jghajjat lil Martin Mifsud. Fit-18 t' Ottubru tas-sena elfejn (2000) kien jghajjat lil Martin Mifsud, Frar ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) fuq Martin Mifsud, Mejju tas-sena elfejn u hamsa sat-13 ta' Lulju. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk fit-18 ta' Ottubru 2000 kienx inkluz ix-xhud wiegeb li jrid jiccekkja mal-Arms. Mit-18 ta'

Ottubru 2000 sat-18 t'Ottubru 2005 il-meter lil min kien jghajjat ix-xhud wiegeb li iva skond l-istima taghhom. Ix-xhud gie mistoqsi jivverifika dakinhar li kien hemm in-nar kienux gew ta' l-Enemalta jew le fejn wiegeb li kif diga' kien wiegeb aktar qabel u qal li le m'ghandhomx *records* ta' dan il-kaz. Meta x-xhud staqsewh jekk kinux izommu *records*, wiegeb li iva imma ma sabu xejn, huwa qal li hu kemm qieghed jirraporta fuq sezzjonijiet ohrajn, wiehed minnhom kien qieghed barra u kien wiehed minn dawn tas-sezzjonijiet, u qal li ma teskludix li wiehed mir-rapporti dahal x'imkien iehor u forsi l-Inginier li kien prezenti barra jistha jaghti aktar dettallji. Ix-xhud kompla billi qal li ahjar jekk isaqsu direttament lill-inginier ghax ix-xhud ma dahalx fid-dettalji halla lilhom jirraportaw.

**Inginier Jean Pierre Peresso** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn staqsewh li fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) kien hemm nar Triq il-Mensija, San Gwann f'post maghruf bhala *Martin's Bakery,* u kien maghruf bhala Godwin's imbaghad gie maghruf bhala Martin's. Dakinhar, gew imsejha n-nies ta' l-Enemalta u kien hemm jew tibdil jew aggustament ta' dan il-*meter* u staqsew minn fejn ha jkunu jafu x'gara fejn ix-xhud wiegeb li kienu diga' qalulu biex jaghmel ir-ricerka u fit-two thousand and five (2005) ma kienx jahdem f'dan id-distrett ta' tas-Sliema imma ra minn fejn jista' jgib din ir-ricerka ghax bhalissa jaqa' taht idejh u dakinhar kienu juzaw *software* biex jillogjaw il-*faults* (hsarat) li m'ghadux jezisti imma ghadu ghand l-Enemalta u minn fuq dan is-*software* ma setghux isibu ebda referenza ghall-hruq ta' *meter*. Apparti minn hekk fejn jidhol id-distrett tieghu iccekjaw ukoll ghax kull meta jkun hemm hruq ta' *meter* jew hruq ta' xi post li jaffettwa lil Enemalta issir *subject paper* u hemm ktieb li fih jinzammu r-*records* tas-*subject papers*.

F’dik il-gurnata u f’dak ix-xahar ma kien hemm xejn li ghandu x’jaqsam ma’ hruq ta’ *meter* jew hrug tas-servizz taghhom u s’hemm wasal bir-ricerka tieghu. Ix-xhud qal jekk kien hemm bdil ta’ *meter* dak mhux id-distrett imma hemm *Section* jisimha l-*Meter Section* li jaghmlu l-bdil ta’ *meter* huma. Huwa qal li ma jidholx hu biex jiccekkja hemmhekk ghax ma kellux il-kompitu li jiccekkja maghhom ghax lilu qalulu biex jiccekkja bhala distrett. Ix-xhud stqarr li huma minn naha taghhom ma dahlu mkien mir-*records* li hemm u mill-memorja ghax lanqas kien qieghed hemm dakinhar.

**Alan Chetcuti** xehed fl-20 ta’ Novemberu, 2013 fejn qal li gab il-kontijiet kollha li hemm relatati ghall-perjodu tal-istima li qieghda tfittex l-Enemalta u hemmhekk matul il-kontijiet dejjem il-post kien jghajjat lis-Sur Martin Mifsud fejn kien hemm kontijiet tad-dawl tal-elettriku li kien ghaddej u meta gie mistoqsi dawn thallsux, ix-xhud wiegeb li jissopponi l-Bonus Contation mhix il-kontijiet li hija d-differenza u mhux il-kontijiet.

Meta lix-xhud staqsewh jekk jafx kull meta tbiddlu jew meta mar isir xi arrangement fil-*meters* ghax kien hemm xi hsarat wiegeb li jekk kien hemm xi hsarat mhux ha jkun jaf biha hu u meta kienu ccekkjaw sab li kien hemm hruq u kien diga’ mistoqsi fuqha. Id-difiza staqsiet li taf zgur li kien hemm hruq f’din il-*Bakery* u anke jhallu l-*meters* li suppost kienu gew aggustati jew mibdulin fejn kienu marru tal-Enemalta.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk ghandux xi ndikazzjoni u jekk setghax jivverifika jekk kinux marru xi nies u li l-qorti ghandha rapport minghand il-pulizija li kien hemm rapport u kienu marru l-*Fire Engines*, fejn wiegeb li hu qed iwiegeb skond kif kien ivverifika dakinhar. Ix-xhud qal li kienu ccekkjaw

tlett (3) postijiet differenti u huma ma setghu jirrapportaw li ma kellhom *records* ta’ xejn.

Meta x-xhud staqsewh jekk jibdlux *meters* jew jelenkawhom ix-xhud wiegeb li jistgha jiccekkja jekk kienx inbidel il-*meter* u li jista’ jghid li bejn is-sitta (6) ta’ Ottubru tal-elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) sa dakinhar tal-*inspection* sat-18 ta’ Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005) dejjem baqa’ l-istess meter. Jekk kienx hemm dati jkun jista’ jsir jaf jekk ihaffer naqra hemmhekk. Id-difiza qalet il-klijenti tieghu jinsistu fuq il-fatt li kienu bidlulhom il-*meter* meta kien hemm dan il-hruq.

Ix-xhud kompla billi qal li dan il-*meter* twahhal fid-disgha (9) jew hareg ahjar mill-*istore* forsi jista’ jkun hemm ftit granet varjanza fid-disgha (9) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) huwa l-istess numru li l-istess *meter number* gie rraportat hazin nhar it-tmintax t’Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005) li l-*meter no* huwa 18541843 u huwa l-istess wiehed ta’ issa u tal-kontijiet ta’ qabel. Id-difiza staqsiet jekk il-kontijiet li kienu hergin dak iz-zminijiet kienux l-istess kontijiet li kien imur il-*meter reader* jaqrahom, u x-xhud wiegeb li iva.

Meta lix-xhud staqsewh jekk ikun hemm hsara jkunx jaf jew le, x-xhud wiegeb li le ma jindunax, il-*meter reader* imur biex jara r-*readings* u jibqa’ sejjer. U staqsew lix-xhud ukoll jekk ikun hemm il-guni ta’ gewwa maqtughin, wiegeb li mhux necessarjamant jekk ikun hemm xi haga li hija vera ovvja xi haga li tista’ tara mid-daqqa t’ghajn tal-*meter*. Kompliet tistaqsi lix-xhud jekk is-sigilli jkunu maqtughin jekk jarahomx fejn ix-xhud

wiegeb li ma kienux maqtughin is-sigilli u huma fir-rapport nizzlu li s-sigilli kienu mbghabsin imma kienu ghadhom hemm fuq barra.

Ix-xhud qal li meta jkunu mbghabsin trid tinduna bihom meta toqghod tiflihom ghax dawn jistghu jew ikunu msahnin jew maghfusin bi tnalja, imma ghad-daqqa t'ghajn kienu ghadhom jidhru ntatti u l-affarijiet li kellu, kienu jistghu jindunaw bihom. Meta d-difiza staqsiet dawk hux sigilli u x-xhud qal li mhux affarijiet li ha jinduna l-meter reader, u meta staqsewh jekk dawk is-sigilli li kellhom kinux daqsxejn mahlulin. Ix-xhud wiegeb li l-aqwa haga fuq din hi li x-xhud ma kienx prezenti fl-ispezzjoni u hawnhekk ikkwota l-affarijiet li gew irrapportati fir-rapport u qal ukoll li ma kienx fuq il-post.

Il-qorti staqsiet jekk il-kontijiet tal-akkuzati li kienu hemmhekk kien hemm il-kontijiet ta' qabel kinux differenti jew simili u nfatti x-xhud qal li jekk jaraw il-*graph* hemm zewg linji huma l-perjodu fejn l-Enemalta qalet li ghandha bzonn tithallas aktar u hawnhekk jaraw hofra evidenti hafna l'isfel fejn wisq probbabli kien waqa' l-konsum.

Meta l-qorti staqsiet jekk hux normali imma xorta l-ghola *peak* huwa ferm anqas minn ta' qabel li kif ukoll minn ta' wara u x-xhud wiegeb li *seasonality* dejjem ha jkun hemm. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk *seasonality* ikunx hemm dejjem, wiegeb li f'dawk hemm *peaks up and down* u dik hija logika. Huwa pprezenta bhala Dokument CA 1 li huma l-kontijiet li kienu hargu ghal dak il-perjodu kif gie mitlub jipprezenta.

**Alan Chetcuti** xehed fis-7 ta' Novembru 2014 fejn ikkonferma li effettivament ricentement kien qed isir komunikazzjoni bejn l-imputat u l-Korporazzjoni Enemalta u fil-fatt waslu fi ftehim illi kellhom jiltaqghu l-partijiet kollha l-gimgha li jmiss u dan bil-ghan li tigi transatta din il-kwistjoni.

**Alan Chetcuti** xehed fis-17 ta' Marzu, 2015 fejn qal li effettivament huwa minnu illi l-imputat Martin Mifsud huwa ghaddej minn trattattivi mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jaslu fi ftehim kif ghandu jhallas lura l-kreditu tal-istess Korporazzjoni fejn qal li ghandhom bzonn ftit aktar zmien sabiex jaslu biex jiffirmaw ftehim.

Illi nhar it-28 ta' April 2015 **Alan Chetcuti** rega' xehed u esebixxa kopja ta' ftehim li gie ffirmat bejn l-imputat u l-korporazzjoni Enemalta liema dokument gie mmarkat bhala Dok AC u esebixxa r-rinunzja tal-korporazzjoni ghall-akkuza odjerna li giet immarkata bhala Dok AC1. Spjega illi l-korporazzjoni m'ghandhiex aktar interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri stante li l-imputat illum il-gurnata assuma d-debitu tieghu u li jhallas l-istess. Il-Qorti tinnota li dan il-ftehim gie redatt wara seba' snin li l-imputat tressaq il-Qorti u gie akkuzat bir-reati fuq imsemmija.

Illi invista tar-rinunzja tal-korporazzjoni esebita fl-atti l-Qorti ordnat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jipprezenta permezz ta' nota l-fedina penali aggornata tal-imputat.

Illi dakinhar stess tat-28 ta’ April 2015 il-partijiet trattaw il-kawza u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Illi nhar it-30 ta’ April 2015 l-ufficcjal prosekutur esebixxa kopja tal-fedina penali tal-imputat.

Ikkunsidrat.

Illi skond l-**Artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9**, hemm presunzjoni ta' *dolo juris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix pruvat il-kuntrarju kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** deciza fit-tnejn ta' Settembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**L-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9** jistabilixxi li jekk jigi ppruvat il-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew jibdel ir-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku illecitu, sakemm ma jigix ppruvat l-kuntrarju. Ghalhekk f'dan it-tip ta' kazi, l-*onus* tal-prova jinqaleb u ma jibqghax aktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq minn ikun akkuzat. Ir-rizultat ta' dan l-ispustar tal-prova ghal fuq akkuzat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista’ tasal fejn trid tasal minghajr sforzi ta' xejn.

Il-Qorti thoss sabiex jigi ppruvat is-serq irid jikkonkorri l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-*mens* u l-*actus* u jridu jissusistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat. Billi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-mezzi qarrieqa l-*actus reus*, ma jfissirx li ppruvat l-*mens* tal-akkuzat u dan ghaliex l-unika prova li kellha tissodisfa l-prosekuzzjoni hija l-*actus* ghaliex l-*mens rea* huwa presunt li jezisti f'dan it-tip ta' reat, pero' kif gia ntqal aktar 'il fuq, l-imputat jista' ma jkollux l-*mens rea*. L-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero' tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Il-Qorti pero' tissolleva li sabiex jissusisti dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-asportazzjoni tal-kurrent elettriku hija asportazzjoni ta' tip specjali u *sui generis*, trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' energija, ssir mhux bil-komunikazzjoni illegali, li ghal bzonn tista tkun saret minn haddiehor qabel, imma bl-uzu attwali tal-apparat konsumatur tal-elettriku fil-konsapevolezza li l-kontatur mhux qed jimmarka jew mhux jimmarka sew minhabba interruzjoni.

Fil-fatt, hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Caruana Curran tat-tlettax ta' Mejju, 1976 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Grima** fejn kien gie deciz li wiehed jista' jipotizza l-ksur ta' sigilli minghajr ma wara jsir serq, jekk wara hadd ma jixghel. Fil-konvers, minn jixghel l-apparat konsumatur wara li jkun sar it-tbaghbis mal-meter u meta jkun jaf b'dan ma jigix qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li nterrompa r-registrazzjoni. Pero' dejjem u f'kull kaz,

irid jigi ppruvat dak li jiddisponi l-Kodici Kriminali u cioe' l-piz li jipprovaw li ma kienux jafu bl-uzu illegittimu tal-kurrent elettriku.

Illi f'dan il-kaz l-imputat ma xehdx f'dawn l-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel u lanqas ma giet esebita xi stqarrija ta l-imputat liema stqarrija setghet giet rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine ta l-investigazzjoni li kienet qed issir dwar il-kaz qabel ma tressaq il-Qorti l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni min-naha taghha resqet it-teknici li marru fuq il-post sabiex jispjegaw dak li rriskontraw huma waqt l-ispezzjoni li sar fil-fond mertu tal-kawza. Mario Attard u Joseph Zammit impjegati tal-Enemalta jghidu li meta huma fl-ispezzjoni relattiva sabu li f'dan il-fond iz-zewg sigilli homor li kien hemm fuq il-*meter* kienu *tampered* (mbaghbsin). Fil-fatt Joseph Zammit fix-xhieda tieghu jghid li meta spezzjona l-fond flimkien ma' Mario Attard il-*meter* kien qed jirregistra fuq *one phase* minflok *three phase.* Dan ifisser li l-konsum proprju ma kienx qed jigi registrat u dan b'detriment ghal korporazzjoni Enemalta fejn kien qed jigi registrat inqas konsum.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti fid-dawl ta' dak li gie pruvat mix-xhieda teknika kien jesisti l-fatt materjali li kien qed isir tbaghbis fil konsum tal-eletttriku u appuntu fir-registrazzjoni tieghu. L-imputat fl-ebda stadju ma ittenta jeghleb din il-prezunzjoni *iuris tantum* imsemmija aktar il fuq a favur tieghu.

Minn dak li xehed Alan Chetcuti ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta jidher li kien hemm diskrepanza fil-kont fl-ammont ta’ LM23,334.09. Illi pero’ jidher li fil-mori ta’ din il-kawza l-imputat wasal ghall-arrangament kif kien se irodd lura din is-somma misruqa u jidher ukoll li l-korporazzjoni hija sodisfatta b’dan il-ftehim tant li rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali taghha haga li ma setghetx taghmel f’dan il-kaz ghaliex ir-reat ta’ serq huwa prosegwibbli ex ufficcio u sahansitra ai fini ta’ piena ddikjarat li m’ghandhiex interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri.

Il-Qorti qiset is-segwenti meta giet sabiex terroga il-piena:-

1. Il-fatt li l-imputat qatt ma rregistra ammissjoni u li dawn il-proceduri damu pendenti l-Qorti ghal perjodu ta’ tmien snin.
2. Il-fatt li kien biss wara insistenza kbira min-naha ta’ din il-Qorti kif preseduta li l-imputat wasal sabiex jasal f’arrangament kif ghandu ihallas lura d-debitu tieghu li gie ffirmat il-ftehim esebit fl-atti.
3. L-ammont kbir tal-flus li l-korporazzjoni giet derubata.
4. Il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda reflettarja u ghandha hdax-il *conviction* registrati fuqha fejn l-imputat kien instab hati tar-reati ta’ kagunar ta’ feriti hfief, ksur ta’ paci pubblika, ricettazzjoni, reati konnessi ma’ ksur tal-ordinanza tat-traffiku, il-ligi dwar taxxa fuq il-valur mizjud u l-ligi dwar l-Employment and Training Corporation u nghata diversi sentenzi ta’ Probation u multi.

Min-naha l-ohra pero’ qieset is-segwenti fatti wkoll li ghandhom jghinu lill-Qorti meta tigi biex taghti l-piena idoneja.

1. Il-fatt li llum-il gurnata l-imputat assuma l-obbligi tieghu u assuma d-dejn tant li wasal fi ftehim kif ghandu jrodd lura din is-somma misruqa minnu.

2. Id-decizjoni tal-korporazzjoni li tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali u tiddikjara li m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri meta' l-vittma f'dan il-kaz kien proprju l-istess korporazzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b) (c) (f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281, 283, 283A, 326 u 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat MARTIN MIFSUD hati u tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fil-gbir tal-provi tal-inkjesta esebita f'dawn l-atti u cioe' tal-Espert Tekniku Vincent E Ciliberti fl-ammont ta' Lm 79.06 ekwivalenti ghal mija u erbgha u tmenin ewro u sittax-il centezmu (€184.16) u dana lid-Direttur tal-Qorti Kriminali fi zmien gimgha minn meta jigi hekk mitlub minnu.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez dovuti lill-Qorti ai termini ta' din l-istess sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------